

Brussell, 2 ta' Settembru 2019
(OR. en)

11822/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0172 (NLE)**

PECHE 366

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Awwissu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 376 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 376 final.

Mehmuż: COM(2019) 376 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.8.2019
COM(2019) 376 final

2019/0172 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll
dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika
Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") daħal fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2011² u baqa' jiġġedded b'mod taċitu minn dak iż-żmien 'l hawn. L-aħħar Protokoll tal-Ftehim, li daħal fis-seħħ fit-23 ta' Mejju 2014, skada fit-22 ta' Mejju 2018.

Abbażi tad-Direttivi tan-negozjati rilevanti³, il-Kummissjoni nnegozjat mal-Gvern tar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "São Tomé u Príncipe") bil-ħsieb li tikkonkludi Protokoll ġdid tal-Ftehim. Wara dawn in-negozjati, fis-17 ta' April 2019 ġie inizzjalat Protokoll ġdid. Il-Protokoll ikopri perjodu ta' ħames snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu, jiġifieri mid-data tal-iffirmar tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 15 tiegħu.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Skont il-prijoritajiet tar-riforma tal-politika tas-sajd⁴, il-Protokoll il-ġdid joffri opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni Ewropea fl-ilmijiet ta' São Tomé u Príncipe skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli u filwaqt li jħares ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (l-ICCAT). Dan il-Protokoll il-ġdid iqis ir-riżultati ta' evalwazzjoni tal-aħħar Protokoll (tal-2014 sal-2018) u ta' evalwazzjoni li tħares lejn il-ġejjieni dwar jekk għandux jiġi konkluż Protokoll ġdid. Dawn iż-żewġ evalwazzjonijiet saru minn esperti esterni. Il-Protokoll se jippermetti wkoll lill-Unjoni Ewropea u lil São Tomé u Príncipe jaħdmu aktar mill-qrib bejniethom biex jippromwovu l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' São Tomé u Príncipe u se jippermettilhom jappoġġaw l-isforzi ta' São Tomé u Príncipe biex jiżviluppaw l-ekonomija l-blu tagħhom, fl-interess taż-żewġ partijiet.

Il-Protokoll jipprevedi opportunitajiet tas-sajd fil-kategoriji li ġejjin:

- 28 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni mgħammra bi friża;
- sitt bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

In-negozjar ta' Protokoll ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd ma' São Tomé u Príncipe jidħol fil-qafas tal-azzjoni esterna tal-UE mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (il-pajjiżi AKP), u jqis b'mod partikulari l-għanijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-ħarsien tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETA' U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-baży ġuridika magħżula hija t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li l-Artikolu 43(2) tiegħu jstabbilixxi l-politika komuni tas-sajd u l-Artikolu 218(5) tiegħu

¹ ĠU L 205, 7.8.2007, p. 36.

² ĠU L 31, 31.1.2013, p. 1.

³ Li ġew adottati waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-Trasport, tat-Telekomunikazzjoni u tal-Enerġija li saret fit-18 ta' Diċembru 2017.

⁴ ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

jistabbilixxi l-istadju tal-iffirmar tal-ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi u l-possibbiltà li dawn jiġu applikati b'mod provviżorju.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta tidħol fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija proporzjonata mal-għan li jiġi stabbilit qafas ta' governanza ġuridiku, ambjentali, ekonomiku u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd li l-bastimenti tal-Unjoni Ewropea jwettqu fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, kif stabbilit fl-Artikolu 31 tar-Regolament li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd. Hija tikkonforma ma' daww id-dispożizzjonijiet, kif ukoll mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna finanzjarja lil pajjiżi terzi stabbiliti fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Fl-2017, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni *ex post* tal-Protokoll attwali tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd ma' São Tomé u Príncipe, kif ukoll evalwazzjoni *ex ante* tat-tiġdid potenzjali tal-Protokoll. Il-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni huma ppreżentati f'dokument ta' ħidma separat⁵.

Mill-evalwazzjoni ħareġ li s-settur tas-sajd għat-tonn tal-UE huwa interessat ferm fis-sajd f'São Tomé u Príncipe u li t-tiġdid tal-Protokoll jikkontribwixxi biex jissaħħu l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza u biex tittejjeb il-governanza tas-sajd fir-reġjun. L-importanza taż-żona ekonomika esklużiva fil-Golf tal-Guinea tikkontribwixxi għar-rilevanza tal-Protokoll il-ġdid previst kemm għas-settur tas-sajd għat-tonn tal-UE kif ukoll għall-pajjiż sieħeb.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-Istati Membri, ir-rappreżentanti tas-settur, l-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili kif ukoll l-amministrazzjoni tas-sajd u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili ta' São Tomé u Príncipe ġew ikkonsultati fil-kuntest tal-evalwazzjoni. Saru wkoll konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni użat konsulent indipendenti għall-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante*, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(10) tar-Regolament li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-Unjoni Ewropea hija ta' EUR 840 000, abbażi ta':

(a) tunnellaġġ ta' referenza ta' 8 000 tunnellata fis-sena, li għalih ġie stabbilit ammont marbut mal-aċċess ta' EUR 400 000 fis-sena għall-perjodu kollu tal-Protokoll;

(b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe ta' EUR 440 000 fis-sena għall-perjodu kollu tal-Protokoll. Dan l-appoġġ jilħaq l-għanijiet tal-

⁵ SWD(2017) 434 final, 1.12.2017.

politika nazzjonali b'rabta mal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd kontinentali u tal-baħar ta' São Tomé u Príncipe għall-perjodu kollu tal-Protokoll.

L-ammont annwali għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u għall-appropriazzjonijiet ta' pagament huwa stabbilit fil-proċedura baġitarja annwali, fosthom għal-linja ta' riżerva għall-protokoll li jkun għadhom ma daħlux fis-seħħ fil-bidu tas-sena⁶.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

L-arranġamenti dwar il-monitoraġġ huma stabbiliti fil-Protokoll.

⁶ Skont il-Ftehim interistituzzjonali dwar il-kooperazzjoni f'materji tal-baġit (bin-numru ta' referenza 2013/C 373/01).

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(2) flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' Lulju 2007, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 894/2007⁷ dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim")⁸. Dan il-Ftehim daħal fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2011 u għadu fis-seħħ.
- (2) L-aħħar Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim skada fit-22 ta' Mejju 2018.
- (3) Fit-18 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tibda negozjati mar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe bil-ħsieb li tikkonkludi Protokoll ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") Dawn in-negozjati ntemmu b'suċċess u l-Protokoll ġie inizjalat fis-17 ta' April 2019.
- (4) L-għan tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-Unjoni Ewropea u lil São Tomé u Príncipe jaħdmu aktar mill-qrib bejniethom biex jippromwovu politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' São Tomé u Príncipe u li jippermettilhom jappoġġaw l-isforzi ta' São Tomé u Príncipe biex jiżviluppaw is-settur tas-sajd tagħhom.
- (5) Għalhekk jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.
- (6) Sabiex il-bastimenti tal-Unjoni jkunu jistgħu jibdeu iwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom malajr, jenħtieġ li l-Protokoll jiġi applikat b'mod provviżorju,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea (minn hawn

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 894/2007 tat-23 ta' Lulju 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé e Príncipe u l-Komunità Ewropea (ĠU L 205, 7.8.2007, p. 35).

⁸ ĠU L 205, 7.8.2007, p. 36.

'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") huwa awtorizzat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tat-tali Protokoll.

It-test tal-Protokoll li jrid jiġi ffirmat huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ li jawtorizza lill-persuna jew lill-persuni li n-negozjatur tal-Protokoll ikun indika biex jiffirmaw il-Protokoll, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Skont l-Artikolu 15 tiegħu, jenħtieġ li dan il-Protokoll jibda japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu sa ma jidħol fis-seħħ.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i)

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar:

1.4. Għanijiet

1.4.1. Għanijiet ġenerali

1.4.2. Għanijiet speċifiċi

1.4.3. Riżultati u impatti mistennija

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.

1.5.3. Tagħlimiet meħudin minn esperjenzi simili fl-imġhoddi

1.5.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

3.2.2. Output stmat ifffinanzjat b'appropriazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

3.2.4. Kompatibilità mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i)

11 – L-Affarijiet Marittimi u s-Sajd

11.03 – Kontribuzzjonijiet obbligatorji għall-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u għall-organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn u għall-ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli (SFAs)

11.03.01 – L-istabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqin minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar:

X azzjoni ġdida

azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja⁹

l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn/ma' azzjoni oħra jew azzjoni ġdida

1.4. Għanijiet

1.4.1. Għanijiet ġenerali

In-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli ma' pajjiżi terzi jilhqqu l-għan ġenerali li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea jingħataw aċċess għal żoni tas-sajd ta' pajjiżi terzi u li tiġi żviluppata sħubija ma' dawn il-pajjiżi bil-għan li jissaħħaħ l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd barra l-ilmijiet tal-Unjoni.

Il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli jiżguraw ukoll il-koerenza bejn il-prinċipji li jirregolaw il-politika komuni tas-sajd u l-impenji meħudin fil-kuntest ta' politiki Ewropej oħrajn (l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-pajjiżi terzi, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (is-sajd IUU), l-integrazzjoni tal-pajjiżi sħab fl-ekonomija globali u governanza politika u finanzjarja aħjar tas-sajd).

1.4.2. Għanijiet speċifiċi

Għan speċifiku

Sabiex jingħata kontribut għas-sajd sostenibbli fl-ilmijiet li mhumiex tal-Unjoni, tinżamm preżenza Ewropea fis-sajd fl-ilmijiet imbiegħda u jitħarsu l-interessi tas-settur tas-sajd Ewropew u tal-konsumaturi billi jiġu nnegozjati u konklużi ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli ma' Stati kostali, b'mod li jkun konsistenti ma' politiki Ewropej oħrajn.

⁹ Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. *Riżultati u impatti mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Bil-konklużjoni tal-Protokoll ikun jista' jissawwar qafas ta' sħubija strateġika dwar is-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u São Tomé u Príncipe u se jinħolqu opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' dan il-pajjiż.

Il-Protokoll se jikkontribwixxi wkoll għal ġestjoni u konservazzjoni aħjar tar-riżorsi tas-sajd, permezz ta' appoġġ finanzjarju (appoġġ settorjali) għall-implimentazzjoni tal-programmi adottati fil-livell nazzjonali mill-pajjiż sieħeb, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-monitoraġġ u mal-ġlieda kontra s-sajd illegali u mal-appoġġ għas-settur tas-sajd fuq skala żgħira.

Fl-aħħar nett, il-Protokoll se jikkontribwixxi għall-ekonomija l-blu ta' São Tomé u Príncipe, billi jippromwovi t-tkabbir marbut mal-attivitajiet marittimi u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar tagħhom.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Ir-rati tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd (l-użu annwali tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd bħala perċentwali tad-disponibbiltà offruta bil-Protokoll);

id-*data* dwar il-qabdiet (il-ġbir u l-analiżi) u l-valur kummerċjali tal-Ftehim;

il-kontribut għall-impjiegi u għall-valur miżjud fl-Unjoni, kif ukoll għall-istabbilizzazzjoni tas-suq tal-Unjoni (flimkien ma' ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli oħrajn);

il-kontribut għat-titjib tar-riċerka, tal-monitoraġġ u tal-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd min-naħa tal-pajjiż sieħeb u tal-iżvilupp tas-settur tas-sajd tiegħu, l-aktar dak fuq skala żgħira.

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Hu maħsub li l-Protokoll il-ġdid jibda japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu ħalli jitnaqqsu kemm jista' jkun l-interruzzjonijiet tal-attivitajiet tas-sajd li għaddejjin skont il-Protokoll attwali.

Il-Protokoll il-ġdid se jipprovdi qafas għall-attivitajiet tas-sajd tal-flotta tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe, u se jawtorizza lis-sidien tal-bastimenti tal-UE japplikaw għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd biex jistadu f'dik iż-żona. Barra minn hekk, il-Protokoll il-ġdid isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u São Tomé u Príncipe bil-għan li jippromwovi l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli. B'mod partikulari, dan jipprevedi l-monitoraġġ tal-bastimenti permezz tal-VMS u t-trażmissjoni elettronika tad-*data* dwar il-qabdiet. L-appoġġ settorjali disponibbli skont il-Protokoll se jgħin lil São Tomé u Príncipe fil-qafas tal-istrateġija nazzjonali tas-sajd tagħhom, inkluża fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

- 1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.*

Jekk l-Unjoni ma tikkonkludix Protokoll ġdid, il-bastimenti tal-Unjoni ma jkunux jistgħu jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom, billi l-Ftehim fih klawżola li teskludi l-attivitajiet tas-sajd li ma jsirux fi ħdan il-qafas iddefinit minn protokoll tal-Ftehim. Għalhekk il-valur miżjud huwa espliċitu għall-flotta tal-UE ta' distanzi twal. Il-Protokoll jipprovi wkoll qafas għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-Unjoni u São Tomé u Príncipe.

- 1.5.3. *Tagħlimiet meħudin minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-analiżi tal-qabdiet li saru fiż-żona tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe fl-imgħoddi u tal-qabdiet li saru dan l-aħħar fil-qafas ta' protokoll simili f'dan ir-reġjun, kif ukoll il-valutazzjonijiet u l-pariri xjentifiċi disponibbli wasslu biex il-partijiet jistabbilixxu tunnellaġġ ta' referenza għat-tonn u għal speċijiet li jixbhuh ta' 8 000 tunnellata fis-sena b'opportunitajiet tas-sajd għal 28 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni mgħammra bi friża u għal sitt bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wieċ. L-appoġġ settorjali huwa relattivament għoli sabiex iqis il-ħtiġijiet f'termini tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-amministrazzjoni tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe u l-prijoritajiet tal-istrateġija nazzjonali tas-sajd, kif ukoll il-pjanijiet għall-appoġġ tal-ekonomija l-blu ta' dan l-istat kostali.

- 1.5.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

Il-fondi allokatu għall-kontribuzzjoni finanzjarja għall-aċċess fil-kuntest tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd jikkostitwixxu dħul funzjonali fil-baġit nazzjonali ta' São Tomé u Príncipe. Madankollu, il-fondi allokatu għall-appoġġ settorjali jiġu assenjati lill-Ministeru responsabbli għas-sajd (ġeneralment billi jiddaħħlu fil-liġi annwali dwar il-baġit), minħabba li din hija kundizzjoni għall-konklużjoni u għall-monitoraġġ tal-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd. Dawn ir-riżorsi finanzjarji huma kompatibbli ma' sorsi oħrajn ta' finanzjament mingħand donaturi internazzjonali oħrajn tal-fondi biex jitwettqu proġetti u/jew programmi fil-livell nazzjonali fis-settur tas-sajd.

- 1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

1.6. **Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva**

X durata limitata

- Fis-seħħ mill-2019 sal-2024
- Impatt finanzjarju mill-2019 sal-2024 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2019 sal-2024 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)¹⁰

X Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- **X** mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- lil pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- lil organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- lill-korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- lil korpi tal-liġi pubblika;
- lil korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- lil korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- lil persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

--

¹⁰ Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali għall-Affarjiet Marittimi u s-Sajd, flimkien mal-uffiċjal tas-sajd tagħha responsabbli għal dan ir-reġjun) se tiżgura monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-Protokoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd min-naħa tal-operaturi, mad-*data* dwar il-qabdiet u mal-ħarsien tal-kundizzjonijiet tal-appoġġ settorjali.

Barra minn hekk, il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd jipprevedi mill-inqas laqgħa annwali waħda tal-Kumitat Konġunt, li matulha l-Kummissjoni u São Tomé u Príncipe jirrevedu l-implimentazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll u, jekk ikun meħtieġ, jaġġustaw l-ipprogrammar u, jekk ikun il-każ, il-kontribuzzjoni finanzjarja.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Il-pagamenti għandhom isiru b'mod diżakkoppjat għall-kontribuzzjoni marbuta mal-aċċess u għall-kontribuzzjoni marbuta mal-appoġġ settorjali.

Il-pagamenti għall-aċċess huma pagamenti annwali li jridu jsiru fid-data tal-anniversarju tal-Protokoll, ħlief għall-pagament għall-ewwel sena li jrid isir fit-tliet xhur ta' wara li l-Protokoll jibda japplika b'mod provviżorju. L-aċċess tal-bastimenti huwa kkontrollat bil-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd.

Il-pagament tal-appoġġ isir għall-ewwel darba fit-tliet xhur ta' wara li jintlaħaq qbil dwar programm annwali u pluriennali ta' implimentazzjoni u wara jsir abbażi tar-riżultati li jinkisbu. Il-kontroll isir fuq ir-rata ta' implimentazzjoni, li tiġi stabbilita abbażi ta' rapporti jew ta' provi li l-pajjiż siehebb jibgħat u abbażi ta' żjarat tekniċi li jagħmel l-uffiċjal tas-sajd.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Ir-riskju identifikat huwa n-nuqqas ta' użu tal-opportunitajiet tas-sajd mis-sidien tal-bastimenti tal-UE u n-nuqqas ta' użu jew id-dewmien fl-użu tal-fondi maħsubin għall-finanzjament tal-politika settorjali tas-sajd minn São Tomé u Príncipe. Qed jiġi ppjanat djalogu estensiv dwar l-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-politika settorjali prevista fil-Ftehim u fil-Protokoll. L-analiżi konġunta tar-riżultati, imsemmija fl-Artikolu 5 tal-Protokoll, ukoll tiffirma parti minn dawn il-metodi ta' kontroll.

Barra minn hekk, il-Ftehim u l-Protokoll fihom klawżoli speċifiċi għas-sospensjoni tagħhom, skont ċerti kundizzjonijiet u f'ċerti ċirkustanzi.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta’ żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-pagamenti marbutin mal-kostijiet tal-aċċess li jsiru fil-kuntest tal-ftehimiet ta’ sħubija dwar is-sajd sostenibbli jsirulhom kontrolli biex ikun żgurat li dawn ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet internazzjonali. Il-kontrolli marbutin mal-appoġġ settorjali għandhom l-għan li jissorveljaw l-implimentazzjoni ta’ dan l-appoġġ. Il-monitoraġġ isir mill-persunal tal-Kummissjoni li jaħdem fid-Delegazzjoni kif ukoll waqt il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt. Il-progress jiġi evalwat permezz ta’ matriċi tal-ipprogrammar pluriennali. F’każ li ma jkunx sar biżżejjed progress, il-pagament akkont li jkun imiss jiġi sospiż jew possibbilment jitnaqqas. Huwa stmat li b’kollox il-kontrolli għall-ftehimiet kollha ta’ sħubija dwar is-sajd sostenibbli jiswew madwar 1.8 % (tal-kontribuzzjonijiet tal-2018). Fil-biċċa l-kbira tagħhom, il-proċeduri ta’ kontroll tal-ftehimiet ta’ sħubija dwar is-sajd sostenibbli ġejjin minn rekwiżiti regolamentari essenzjali. Jekk ma jinstab l-ebda nuqqas li jista’ jkollu impatt sinifikanti fuq il-legalità u fuq ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet finanzjarji, il-kontrolli jitqiesu li huma effettivi. Huwa stmat li r-rata medja tal-iżbalji hija ta’ 0.0 %.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta’ irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta’ prevenzjoni u ta’ protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Il-Kummissjoni tintrabat li tistabbilixxi djalogu politiku ma’ São Tomé u Príncipe u li tikkoordina b’mod regolari ma’ dan il-pajjiż bil-ħsieb li ttejjeb il-ġestjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll u li ssaħħaħ il-kontribut tal-Unjoni għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi. Kull pagament li l-Kummissjoni tagħmel fil-kuntest ta’ ftehim ta’ sħubija dwar is-sajd huwa suġġett għar-regoli u għall-proċeduri baġitarji u finanzjarji standard tal-Kummissjoni. B’mod partikulari, il-kontijiet bankarji tal-pajjiżi terzi fejn titħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja jiġu identifikati bis-sħiħ. Skont l-Artikolu 3(10) tal-Protokoll, il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-aċċess għandha titħallas lit-Teżor Pubbliku ta’ São Tomé u Príncipe u l-parti maħsuba għall-iżvilupp tas-settur għandha titħallas f’kont pubbliku apposta tal-Fond għall-iżvilupp tas-sajd.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ¹¹	mill-pajjiżi tal-EFTA ¹²	mill-pajjiżi kandidati ¹³	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	11.03.01 L-istabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqin minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi (SFAs)	Diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitlubin

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

¹¹ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

¹² L-EFTA = l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹³ Il-pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, il-pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

f' miljuni ta' Euro (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	In-numru 2	Tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali
--	------------	--

Id-DĠ: Affarijiet Marittimi u Sajd			FI-2019	FI-2020	FI-2021	FI-2022	FI-2022	TOTAL
• Appropriazzjonijiet operazzjonali								
Il-linja baġitarja ¹⁴ 11.03.01	Impenji	(1a)	0,840	0,840	0,840	0,840	0,840	4,2
	Pagamenti	(2a)	0,840	0,840	0,840	0,840	0,840	4,2
Linja baġitarja	Impenji	(1b)						
	Pagamenti	(2b)						
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiki ¹⁵								
Linja baġitarja		(3)						
TOTAL tal-appropriazzjonijiet tad-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd	Impenji	=1a+1b+3	0,840	0,840	0,840	0,840	0,840	4,2
	Pagamenti	=2a+2b+3	0,840	0,840	0,840	0,840	0,840	4,2

¹⁴ Skont in-nomenklatura uffiċjali tal-baġit.

¹⁵ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

•TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0,840	0,840	0,840	0,840	0,840	4,2
	Pagamenti	(5)	0,840	0,840	0,840	0,840	0,840	4,2
•TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)						
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0,840	0,840	0,840	0,840	0,840	4,2
	Pagamenti	=5+ 6	0,840	0,840	0,840	0,840	0,840	4,2

Jekk il-proposta/l-inizjattiva tolqot iktar minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsimu ta' hawn fuq:

•TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)	0,840	0,840	0,840	0,840	0,840	4,2
	Pagamenti	(5)	0,840	0,840	0,840	0,840	0,840	4,2
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)						
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6	0,840	0,840	0,840	0,840	0,840	4,2
	Pagamenti	=5+ 6	0,840	0,840	0,840	0,840	0,840	4,2

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

Din it-taqsimha għandha timtela billi tintuża d-“*data* baġitarja ta’ natura amministrattiva” li qabel kollox trid tiddaħħal fl-[Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva](#) (l-Anness V tar-regoli interni), li għandu jittella’ fil-pjattaforma elettronika “DECIDE” għall-finijiet tal-konsultazzjoni bejn is-servizzi.

f’miljuni ta’ Euro (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Fl-2019	Fl-2020	Fl-2021	Fl-2022	Fl-2023	TOTAL
Id-DĠ: Affarijiet Marittimi u Sajd							
• Riżorsi umani							
• Nefqa amministrattiva oħra							
TOTAL tad-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd	Appropriazzjonijiet						

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti)						
--	---	--	--	--	--	--	--

f’miljuni ta’ Euro (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Fl-2019	Fl-2020	Fl-2021	Fl-2022	Fl-2023	TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0,840	0,840	0,840	0,840	0,840	4,2
	Pagamenti	0,840	0,840	0,840	0,840	0,840	4,2

3.2.2. Output stmat ifffinanzjat b'apprjazzjonijiet operazzjonali

Apprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' Euro (aġġustati għal tliet pozzjonijiet deċimali)

Indika l-għanijiet u l-outputs			Fl-2019		Fl-2020		Fl-2021		Fl-2022		Fl-2023		TOTAL		
	↓	Tip ¹⁶	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1 ¹⁷ ...															
- Aċċess	Annwali			0,400	0,400		0,400		0,400		0,400		0,400		2,000
- Appoġġ	Annwali			0,440	0,440		0,440		0,440		0,440		0,440		2,200
- Output															
Subtotal tal-għan speċifiku Nru 1															
TOTALI				0,840	0,840		0,840		0,840		0,840		0,840		4,200

¹⁶ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

¹⁷ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għan/għanijiet speċifiku/speċifiki...".

3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi*

- X Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta’ appropriazzjonijiet ta’ natura amministrattiva.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta’ appropriazzjonijiet ta’ natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

f’miljuni ta’ Euro (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Fis-sena N ¹⁸	Fis-sena N+1	Fis-sena N+2	Fis-sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
--	-----------------------------	-----------------	-----------------	-----------------	---	-------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani							
Nefqa amministrattiva oħra							
Subtotal tal- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali							

Barra mill- INTESTATURA 5¹⁹ tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani							
Nefqa oħra ta’ natura amministrattiva							
Subtotal barra mill- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali							

TOTAL							
--------------	--	--	--	--	--	--	--

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta’ natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

¹⁸ Is-sena N hija s-sena li fiha tidba l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Jekk jogħġbok issostitwixxi “is-sena N” bl-ewwel sena ta’ implimentazzjoni prevista (pereżempju: l-2021). Agħmel l-istess għas-snin ta’ wara.

¹⁹ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	Fis-sena N	Fis-sena N+1	Fis-sena N+2	Fis-sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)							
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
XX 01 05 01/11/21 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01/11 (Riċerka diretta)							
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)²⁰							
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")							
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 04 yy ²¹	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid-Delegazzjonijiet						
XX 01 05 02/12/22 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)							
10 01 05 02/12 (AC, END, INT - Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
TOTAL							

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	
Persunal estern	

²⁰ AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Esperti Nazzjonali Sekondati; INT = Persunal tal-aġenziji; JED = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

²¹ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (il-QFP).

Dan għandu x'jaqsam mal-użu tal-linja ta' riżerva (il-Kapitolu 40).

- teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispjega l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti u l-istrumenti li qed jiġi propost li jintużaw.

- teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispjega l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ma tippredix il-kofinanzjament minn partijiet terzi.
- tippredix il-kofinanzjament minn partijiet terzi li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f' miljuni ta' Euro (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Fis-sena N ²²	Fis-sena N+1	Fis-sena N+2	Fis-sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

²² Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Jekk jogħġbok issostitwixxi "is-sena N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju l-2021). Aġġmel l-istess għas-snin ta' wara.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq id-dħul mixxellanju
 - jekk jogħġbok indika jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa

f' miljuni ta' Euro (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ²³					Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	
		Fis-sena N	Fis-sena N+1	Fis-sena N+2	Fis-sena N+3			
L-Artikolu								

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

²³ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % tal-kostijiet tal-ġbir.